DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1635

tal-14 ta' Awwissu 2023

li timplimenta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/74 li tistabbilixxi l-lista ta' programmi Interreg u li tindika l-ammont kumplessiv tal-appoġġ totali mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u minn kull strument ta' finanzjament estern tal-Unjoni għal kull programm u l-lista tal-ammonti trasferiti bejn il-fergħat fl-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea għall-perjodu mill-2021 sal-2027

(notifikata bid-dokument C(2023) 5459)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u minn strumenti ta' finanzjament estern ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 115(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi ([2]),

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/74 ([3]),il-Kummissjoni stabbiliet il-lista tal-programmi Interreg u indikat l-ammont globali tal-appoġġ totali mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ("il-FEŻR") u, fejn applikabbli, l-appoġġ totali minn kull strument ta' finanzjament estern tal-Unjoni għal kull programm, imqassam skont l-Istat Membru għall-perjodu mill-2021 sal-2027.

(2) L-aggressjoni militari reċenti bla ġustifikazzjoni u provokazzjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna u l-kunflitt armat li għaddej biddlu b'mod fundamentali s-sitwazzjoni tas-sigurtà fl-Ewropa. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Frar 2022, il-Kunsill Ewropew ikkundanna l-aggressjoni militari kontra l-Ukrajna kif ukoll l-involviment tal-Belarussja f'dik l-aggressjoni.

(3) B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni ssospendiet it-tħejjija tal-programmi Interreg bejn l-Unjoni u l-Federazzjoni Russa u l-Belarussja rispettivament, u l-Unjoni imponiet sensiela ta' sanzjonijiet kontra ż-żewġ pajjiżi. L-ammonti globali għall-2022 li ġew allokati għall-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera Interreg li għalihom it-tħejjija ġiet sospiża, tqassmu mill-ġdid lil programmi Interreg oħra fl-2022 skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2021/1059.

([1]) ĠU L 231, 30.6.2021, p. 94.

([2]) ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159.

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/74 tas-17 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi l-lista ta' programmi Interreg u li jindika l-ammont kumplessiv tal-appoġġ totali mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u minn kull strument ta' finanzjament estern tal-Unjoni għal kull programm u l-lista tal-ammonti trasferiti bejn il-fergħat fl-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea għall-perjodu mill-2021 sal-2027 (ĠU L 12, 19.1.2022, p. 151).

(4) Minħabba l-kontinwazzjoni tal-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, is-sitwazzjoni attwali tal-programmi li kellhom jinvolvu lill-Federazzjoni Russa u lill-Belarussja hija kkaratterizzata mill-bidla fundamentali fir-relazzjonijiet mal-Federazzjoni Russa u mal-Belarussja li teskludi li l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' kooperazzjoni magħhom jistgħu jiġu stabbiliti mill-ġdid skont il-kundizzjonijiet u fil-perjodi ta' żmien antiċipati mir-Regolament (UE) 2021/1059.

(5) Għalhekk, l-Istati Membri affettwati u l-Kummissjoni qablu li ma jsegwux it-tħejjija tal-programmi Interreg mal-Federazzjoni Russa u l-Belarussja fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027. Il-programmi previsti inizjalment għalhekk jenħtieġ li jitħassru mil-lista ta' programmi Interreg li jirċievu appoġġ. Għall-istess raġunijiet il-parteċipazzjoni inizjalment ippjanata tal-Federazzjoni Russa u tal-Belarussja f'żewġ programmi transnazzjonali jenħtieġ li tiġi kkanċellata.

(6) F'dan il-kuntest, l-allokazzjonijiet allokati għall-perjodu ta' programmazzjoni kollu sal-2027 għall-programmi mal-Federazzjoni Russa u l-Belarussja li mhux se jiġu approvati f'dak il-perjodu jenħtieġ li jerġgħu jitqassmu fi programmi Interreg eżistenti oħra f'pass wieħed. Ir-ridistribuzzjoni tista' tikkonsisti b'mod partikolari fiċ-ċaqliq tar-riżorsi allokati tal-FEŻR għal programm Interreg ieħor appoġġat ukoll mill-fondi tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni allokati għall-kooperazzjoni transfruntiera (IPA III CBC) jew mill-fondi tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali allokati għall-kooperazzjoni transfruntiera għaż-żona ġeografika tal-viċinat (NDICI-CBC) jew għal programmi Interreg transfruntiera interni li fihom jipparteċipa l-Istat Membru kkonċernat.

(7) Barra minn hekk, skont l-Artikolu 9(5) tar-Regolament (UE) 2021/1059, xi Stati Membri infurmaw lill-Kummissjoni dwar il-modifika tad-distribuzzjoni indikata inizjalment tas-sehem tagħhom għal kull programm li jipparteċipaw fih. L-ammonti aġġornati jenħtieġ li jiġu riflessi wkoll f'din id-Deċiżjoni. Barra minn hekk, wara d-deċiżjoni ta' żewġ programmi transnazzjonali li jespandu l-kopertura ġeografika għal pajjiżi oħra, l-Anness III jenħtieġ li jiġi aġġornat.

(8) Għaldaqstant, abbażi tal-informazzjoni kollha kkomunikata mill-Istati Membri kkonċernati, għaldaqstant, il-lista tal-programmi Interreg u l-ammont globali tal-appoġġ totali mill-FEŻR jenħtieġ li jiġu aġġornati, u fejn applikabbli l-appoġġ totali minn kull strument ta' finanzjament estern tal-Unjoni għal kull programm jitqassmu skont l-Istat Membru.

(9) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/74 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/74 hija emendata kif ġej:

1. l-Anness I huwa sostitwit bl-Anness I għal din id-Deċiżjoni;
2. L-Anness II huwa sostitwit bl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni;
3. l-Anness III huwa sostitwit mill-Anness III għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Awwissu 2023.

Għall-Kummissjoni
Elisa FERREIRA
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

"ANNESS I

Lista ta' programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera b'indikazzjoni tal-ammont kumplessiv tal-appoġġ totali mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), mill-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) u mill-Istrument tal-Viċinat għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali (Neighbourhood Development and International Cooperation Instrument, NDICI)

Le	CCI	Isem il-programm	Stati Membri	Stati mhux membri	FEŻR globali kontribuzzjoni	IPA II kontribuzzjoni	NDICI kontribuzzjoni	Totali
1	2021TC16RFCB001	(Interreg VI-A) Maas-Rijn/Meuse-Rhin/Maas-Rhein (NL-BE-DE)	NL BE DE		125 677 095			125 677 095
2	2021TC16RFCB002	(Interreg VI-A) L-Awstrija — iċ-Ċekja	AT CZ		86 821 148			86 821 148
3	2021TC16RFCB003	(Interreg VI-A) Is-Slovakkja-L-Awstrija	SK AT		55 500 000			55 500 000
4	2021TC16RFCB004	(Interreg VI-A) L-Awstrija-Il-Ġermanja/Il-Bavarja	AT DE		61 547 037			61 547 037
5	2021TC16RFCB005	(Interreg VI-A) Spanja-Il-Portugall (POCTEP)	ES PT		320 622 726			320 622 726
6	2021TC16RFCB006	(Interreg VI-A) Spanja-Franza-Andorra (POCTEFA)	ES FR	AD	243 079 964			243 079 964
7	2021TC16RFCB007	(Interreg VI-A) L-Ungerija-Il-Kroazja	HU HR		58 070 103			58 070 103
8	2021TC16RFCB008	(Interreg VI-A) Il-Ġermanja/Il-Bavarja-Iċ-Ċekja	DE CZ		99 064 772			99 064 772
9	2021TC16RFCB009	(Interreg VI-A) L-Awstrija-L-Ungerija	AT HU		49 561 200			49 561 200
10	2021TC16RFCB010	(Interreg VI-A) Il-Ġermanja/ Brandenburg-Il-Polonja	DE PL		88 300 000			88 300 000
11	2021TC16RFCB011	(Interreg VI-A) Il-Polonja-Is-Slovakkja	PL SK		132 526 462			132 526 462
12	2021TC16RFCB012	(Interreg VI-A) Il-Polonja-Id-Danimarka-Il-Ġermanja-Il-Litwanja-L-Iżvezja (Il-Baltiku tan-Nofsinhar)	PL DK DE LT SE		93 802 411			93 802 411

Le	CCI	Isem il-programm	Stati Membri	Stati mhux membri	FEŻR globali kontribuzzjoni	IPA II kontribuzzjoni	NDICI kontribuzzjoni	Totali
13	2021TC16RFCB013	(Interreg VI-A) Il-Finlandja-L-Estonja-Il-Latvja-L-Iżvezja (Il-Baltiku Ċentrali)	FI EE LV SE		162 499 043			162 499 043
14	2021TC16RFCB014	(Interreg VI-A) L-Ungerija-Is-Slovakkja	HU SK		133 270 755			133 270 755
15	2021TC16RFCB015	(Interreg VI-A) L-Iżvezja-In-Norveġja	SE	NO	47 200 000			47 200 000
16	2021TC16RFCB016	(Interreg VI-A) Il-Ġermanja/IIs-Sassonja-Iċ-Ċekja	DE CZ		152 364 968			152 364 968
17	2021TC16RFCB017	(Interreg VI-A) Il-Polonja-Il-Ġermanja/Is-Sassonja	PL DE		60 275 000			60 275 000
18	2021TC16RFCB018	(Interreg VI-A) Il-Ġermanja/ Mecklenburg-Pomeranja tal-Punent/ Brandenburg - Il-Polonja	DE PL		124 580 000			124 580 000
19	2021TC16RFCB019	(Interreg VI-A) Il-Greċja-L-Italja	EL IT		79 582 928			79 582 928
20	2021TC16RFCB020	(Interreg VI-A) Ir-Rumanija-Il-Bulgarija	RO BG		163 497 401			163 497 401
21	2021TC16RFCB021	(Interreg VI-A) Il-Greċja-Il-Bulgarija	EL BG		67 162 945			67 162 945
22	2021TC16RFCB022	(Interreg VI-A) Il-Ġermanja-In-Netherlands	DE NL		240 775 132			240 775 132
23	2021TC16RFCB023	(Interreg VI-A) Il-Ġermanja - L-Awstrija - L-Iżvizzera - Il-Liechtenstein (Alpenrhein-Bodensee-Hochrhein)	DE AT	CH LI	47 569 062			47 569 062
24	2021TC16RFCB024	(Interreg VI-A) Iċ-Ċekja-Il-Polonja	Iċ-Ċekja u l-Polonja		178 870 508			178 870 508
25	2021TC16RFCB025	(Interreg VI-A) L-Iżvezja - Id-Danimarka - In-Norveġja (Öresund-Kattegat-Skagerrak)	SE	NO	141 300 000			141 300 000

Le	CCI	Isem il-programm	Stati Membri	Stati mhux membri	FEŻR globali kontribuzzjoni	IPA II kontribuzzjoni	NDICI kontribuzzjoni	Totali
26	2021TC16RFCB026	(Interreg VI-A) Il-Latvja-Il-Litwanja	LV LT		45 926 498			45 926 498
27	2021TC16RFCB027	(Interreg VI-A) L-Iżvezja-Il-Finlandja-In-Norveġja (AURORA)	SE	NO	125 314 359			125 314 359
28	2021TC16RFCB028	(Interreg VI-A) Is-Slovenja-Il-Kroazja	SI HR		41 844 493			41 844 493
29	2021TC16RFCB029	(Interreg VI-A) Is-Slovakkja-Iċ-Ċekja	SK CZ		85 323 597			85 323 597
30	2021TC16RFCB030	(Interreg VI-A) Il-Litwanja-Il-Polonja	LT PL		99 681 967			99 681 967
31	2021TC16RFCB031	(Interreg VI-A) L-Italja-Franza (Marittima)	IT FR		154 636 861			154 636 861
32	2021TC16RFCB032	(Interreg VI-A) Franza-L-Italja (ALCOTRA)	FR IT		182 330 487			182 330 487
33	2021TC16RFCB033	(Interreg VI-A) L-Italja-L-Iżvizzera	IT	CH	82 346 673			82 346 673
34	2021TC16RFCB034	(Interreg VI-A) L-Italja-Is-Slovenja	IT SI		70 898 662			70 898 662
35	2021TC16RFCB035	(Interreg VI-A) L-Italja-Malta	IT MT		46 083 225			46 083 225
36	2021TC16RFCB036	(Interreg VI-A) Franza-Il-Ġermanja-L-Iżvizzera (Ir-Renu ta' Fuq)	FR DE	CH	125 117 615			125 117 615
37	2021TC16RFCB037	(Interreg VI-A) Franza-L-Iżvizzera	FR	CH	69 766 796			69 766 796
38	2021TC16RFCB038	(Interreg VI-A) L-Italja-Il-Kroazja	IT HR		178 179 438			178 179 438

Le	CCI	Isem il-programm	Stati Membri	Stati mhux membri	FEŻR globali kontribuzzjoni	IPA II kontribuzzjoni	NDICI kontribuzzjoni	Totali
39	2021TC16RFCB039	(Interreg VI-A) Il-Belġju-Franza (Il-Wallonja-Fjandri-Franza)	BE FR		286 882 570			286 882 570
40	2021TC16RFCB040	(Interreg VI-A) Franza - Il-Belġju - Il-Ġermanja - Il-Lussemburgu (Grande Région/Großregion)	FR BE DE LU		181 942 401			181 942 401
41	2021TC16RFCB041	(Interreg VI-A) Il-Belġju-in-Netherlands (Fjandri-Nederland)	BE NL		205 405 605			205 405 605
42	2021TC16RFCB042	(Interreg VI-A) Ir-Rumanija-L-Ungerija	RO HU		140 752 020			140 752 020
43	2021TC16RFCB043	(Interreg VI-A) L-Estonja-Il-Latvja	EE LV		27 868 129			27 868 129
44	2021TC16RFCB044	(Interreg VI-A) L-Italja-L-Awstrija	IT AT		73 071 805			73 071 805
45	2021TC16RFCB045	(Interreg VI-A) Is-Slovenja-L-Ungerija	SI HU		14 109 017			14 109 017
46	2021TC16RFCB046	(Interreg VI-A) Is-Slovenja-L-Awstrija	SI AT		45 846 198			45 846 198
47	2021TC16RFCB047	(Interreg VI-A) Il-Greċja-Ċipru	EL CY		45 991 214			45 991 214
48	2021TC16RFCB048	(Interreg VI-A) Il-Ġermanja-Id-Danimarka	DE DK		93 771 505			93 771 505
49	2014TC16RFPC001	PEACE PLUS — L-Irlanda ta' Fuq/Ir-Renju Unit	IE	UK	234 474 919			234 474 919
50	2021TC16IPCB006	(Interreg VI-A) IPA Il-Bulgarija-ll-Maċedonja ta' Fuq	BG	MK	12 916 849	13 562 691		26 479 540
51	2021TC16IPCB007	(Interreg VI-A) IPA Il-Bulgarija ls-Serbja	BG	RS	15 804 360	16 594 578		32 398 938
52	2021TC16IPCB005	(Interreg VI-A) IPA Il-Bulgarija lt-Türkiye	BG	TR	14 269 738	14 983 225		29 252 963

Le	CCI	Isem il-programm	Stati Membri	Stati mhux membri	FEŻR globali kontribuzzjoni	IPA II kontribuzzjoni	NDICI kontribuzzjoni	Totali
53	2021TC16IPCB003	(Interreg VI-A) IPA Il-Kroazja Is-Serbja	HR	RS	18 673 977	19 607 676		38 281 653
54	2021TC16IPCB004	(Interreg VI-A) IPA Il-Kroazja-Il-Bożnija-Ħerzegovina-Il-Montenegro	HR	BA ME	57 407 658	60 278 041		117 685 699
55	2021TC16IPCB010	(Interreg VI-A) IPA Il-Greċja L-Albanija	EL	AL	13 000 000	13 650 000		26 650 000
56	2021TC16IPCB009	(Interreg VI-A) IPA Il-Greċja Il-Maċedonja ta' Fuq	EL	MK	13 000 000	13 650 000		26 650 000
57	2021TC16IPCB001	(Interreg VI-A) IPA L-Ungerija Is-Serbja	HU	RS	31 000 000	32 550 000		63 550 000
58	2021TC16IPCB008	(Interreg VI-A) IPA L-Italja L-Albanija Il-Montenegro (Adrijatiku tan-Nofsinhar)	IT	AL ME	32 695 846	34 330 638		67 026 484
59	2021TC16IPCB002	(Interreg VI-A) IPA Ir-Rumanija Is-Serbja	RO	RS	36 374 062	38 192 765		74 566 827
60	2021TC16NXCB010	(Interreg VI-A) NEXT L-Ungerija Is-Slovakkja Ir-Rumanija L-Ukrajna	HU SK RO	UA	30 998 055		52 183 994	83 182 049
61	2021TC16NXCB013	(Interreg VI-A) NEXT L-Italja It-Tuneżija	IT	TN	16 010 314		16 330 520	32 340 834
62	2021TC16NXCB009	(Interreg VI-A) NEXT Il-Polonja L-Ukrajna	PL	UA	87 900 000		147 976 156	235 876 156
63	2021TC16NXCB011	(Interreg VI-A) NEXT Ir-Rumanija Ir-Repubblika tal-Moldova	RO	MD	36 250 000		61 025 434	97 275 434
64	2021TC16NXCB012	(Interreg VI-A) NEXT Ir-Rumanija L-Ukrajna	RO	UA	25 350 000		42 675 717	68 025 717
				Totali:	6 112 737 573	257 399 614	320 191 821	6 690 329 008".

ANNESS

"ANNESS II

Lista ta' programmi ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali b'indikazzjoni tal-ammont kumplessiv tal-appoġġ totali mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), mill-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) u mill-Istrument tal-Viċinat għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali (Neighbourhood Development and International Cooperation Instrument, NDICI)

NRU	CCI	Isem il-programm	Stati Membri	Stati mhux membri	FEŻR globali kontribuzzjoni	IPA III kontribuzzjoni	NDICI kontribuzzjoni	Totali
1	2021TC16IPTN001	(Interreg VI-B) Adrijatiku-Jonju	EL HR IT SI	AL BA ME RS SM MK	65 848 129	70 840 386		136 688 515
2	2021TC16RFTN001	(Interreg VI-B) Spazju Alpin	DE FR IT AT SI	CH LI	107 051 188			107 051 188
3	2021TC16RFTN002	(Interreg VI-B) Żona Atlantika	ES FR PT IE		113 075 964			113 075 964
4	2021TC16FFTN003	(Interreg VI-B) Ir-Reġjun tal-Baħar Baltiku	DE DK EE LV LT PL FI SE	NO	250 984 823			250 984 823
5	2021TC16RFTN003	(Interreg VI-B) L-Ewropa Ċentrali	CZ DE IT HR HU AT PL SI SK		224 623 802			224 623 802
6	2021TC16FFTN004	(Interreg VI-B) Id-Danubju	AT BG CZ DE HR HU RO SI SK	BA ME RS MD UA	165 424 228	30 000 000	29 179 524	224 603 752
7	2021TC16FFTN001	(Interreg VI-B) Ewro Mediterranju (EURO MED)	BG EL ES FR HR IT CY MT PT SI	ME MK AL BA	216 559 226	18 340 000		234 899 226
8	2021TC16FFTN005	(Interreg VI-B) Il-Periferija tat-Tramuntana u l-Artiku	IE FI SE	FO GL IS NO	43 716 415			43 716 415
9	2021TC16RFTN004	(Interreg VI-B) Il-Baħar tat-Tramuntana	BE DK DE FR NL SE	NO	171 154 311			171 154 311
10	2021TC16RFTN005	(Interreg VI-B) Il-Majjistral tal-Ewropa	BE DE FR IE NL LU	CH	310 480 455			310 480 455
11	2021TC16RFTN006	(Interreg VI-B) L-Ewropa tal-Lbiċ (SUDOE)	ES FR PT	AD	125 237 199			125 237 199

NRU	CCI	Isem il-programm	Stati Membri	Stati mhux membri	FEŻR globali kontribuzzjoni	IPA III kontribuzzjoni	NDICI kontribuzzjoni	Totali
12	2021TC16NXTN001	(Interreg VI-B) Il-Baċir tal-Baħar Mediterran NEXT (NEXT MED)	EL ES FR IT MT CY PT	TR DZ EG IL JO LB PS TN	96 199 962	9 500 000	157 394 763	263 094 725
13	2021TC16NXTN003	(Interreg VI-B) Nofs l-Atlantiku NEXT	ES PT	MA	36 123 317		36 418 825	72 542 142
14	2021TC16NXTN002	(Interreg VI-B) Il-Baċir tal-Baħar l-Iswed NEXT	BG EL RO	TR UA AM GE MD	14 552 489	9 500 000	60 958 067	85 010 556
				Totali:	1 941 031 508	138 180 386	283 951 179	2 363 163 07-073”.

ANNESS

"ANNESS III

Lista ta' programmi ta' kooperazzjoni interreġjonali b'indikazzjoni tal-ammont kumplessiv tal-appoġġ totali mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), u mill-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) u mill-Istrument tal-Viċinat għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali (Neighbourhood Development and International Cooperation Instrument, NDICI)

Le	CCI	Isem il-programm	Stati Membri	Stati mhux membri	FEŻR globali kontribuzzjoni	IPA III kontribuzzjoni	NDICI kontribuzzjoni	Totali
1	2021TC16RFIR001	(Interreg VI-C) Interreg Ewropa	L-Istati Membri kollha	NO CH UA MD AL BA ME MK RS	379 482 670		5 000 000	384 482 670
2	2021TC16FFIR001	(Interreg VI-C) Urbact IV	L-Istati Membri kollha	NO CH UA MD AL BA ME MK RS	79 769 799	5 000 000	2 000 000	86 769 799
3	2021TC16RFIR004	(Interreg VI-C) Il-Programm ta' Kooperazzjoni ESPON 2030	L-Istati Membri kollha	NO CH IS LI	48 000 000			48 000 000
4	2021TC16RFIR002	(Interreg VI-C) Interact	L-Istati Membri kollha	NO CH	45 000 000			45 000 000
				Totali:	552 252 469	5 000 000	7 000 000	564 252 469".